MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-13 ta' April, 2015

Avviz Numru. 521/2010

**Sandra Micallef Gravina**

**Vs**

**Mario Micallef**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-attrici fejn talbet sabiex il-konvenut jigi kkundannat li jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' hdax-il elf u tlieta u erbghin euro u wiehed u tletin centezmu (Eur 11043.31), jew somma ohra verjuri rapprezentanti in kwantu ghal sitt elef tlett mija u erbgha u ghoxrin euro (Eur 6324), fejn somma ohra verjuri, sehem ir-rikorrenti mill-valur tal-ghamara u mobbli ohra li l-intimat ha klandestinament minghajr ma hallas ebda korrispettiv lir-rikorrenti u in kwantu ghal erbat elef

sebgha mija u dsatax-il euro u wiehed u tletin centezmu (Eur 4719.31) rapprezentanti bilanc li ghadu dovut minnu wara xiri permezz ta' procedura tas-subbasta tal-garage numru hamsa (5) f'kumpless ta' garaxxijiet fi Triq is-Salib, Hal Ghaxaq.

Nonostante li gie interpellat ihallas, inkluz b'ittra ufficjali datata 22 ta' Lulju, 2010 (kopja annessa u mmarkata Dok A), huwa baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax inkluz dawk tal-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija, kontra l-intimat li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Mario Micallef fejn espona:

1. Illi preliminarjament, l-ammont ta' €4,719,31 gia gie depozitat taht l-awtorita' tal-Qorti permezz ta' cedola fl-ismijiet Mario Micallef vs Alexandra sive Sandra Micallef Gravino (Cedola Nru 824/11);
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont ta' €6,324 huwa eccessiv peress li l-mobbli in kwistjoni ma jiswewx daqshekk u l-ammont mitlub jeccedi l-valur attwali.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Lulju 2014, fejn cahdet ir-rikors tal-konvenut tal-20 ta' Jannar 2014, fejn talab lil din il-Qorti tawtorizzah iressaq eccezzjoni ulterjuri, fis-sens li din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni li tisma' u tiddeciedi il-vertenza bejn il-partijiet.

Rat il-verbal tal-1 ta' Lulju 2014 fejn din il-Qorti, wara li rat l-Avviz Legali 397/2003 u senjatament ir-regolament 9 tal-istess Avviz Legali, *ex officio* ssollevat il-kwistjoni jekk hi hijiex kompetenti li tisma' u tiddeciedi dik it-talba tal-attrici ghas-somma ta' sitt elef tliet mija u erbgha u ghoxrin Euro (€6324.00) li tikkoncerna l-allegat sehem tal-attrici mill-valur tal-ghamara u mobbli ohra li l-konvenut allegatament ha minghajr ma hallas ebda korrispettiv.

Rat il-verbal tal-partijiet fl-istess seduta fejn iddikjaraw li m'ghandhomx provi ulterjuri fir-rigward ta' din l-eccezzjoni ta' kompetenza tal-Qorti ratione materiae.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet fuq din l-eccezzjoni;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

1. Il-kontendenti isseparaw legalment permezz ta' sentenza deciza fit-30 ta' Gunju 2004 mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Sandra Micallef vs. Mario Micallef.[1]

2. L-ammont pretiz mill-attrici minghand il-konvenut jinqasam f'zewg pretensjonijiet. L-ewwel ammont ta' sitt elef tliet mija erbgha u ghoxrin Euro (€6324.00) jirrapprezenta l-valur tal-ghamara u mobbli ohra li allegatament il-konvenut ha minghand l-attrici, filwaqt li t-tieni ammont ta' erbat elef seba' mija u dsatax-il Euro u wiehed u tletin centezmu (€4719.31) jirrapprezenta bilanc dovut mill-konvenut lill-attrici wara xiri permezz ta' procedura bis-subbasta tal-garaxx numru 5, fi Triq is-Salib, Hal-Ghaxaq.

[1] Ara Dok B a fol. 30-53 tal-process.

3. L-ammont ta' erbat elef seba' mija u dsatax-il Euro u wiehed u tletin centezmu (€4719.31) mhux qieghed jigi kkontestat mill-konvenut u fil-fatt dan l-ammont gie depositat taht l-awtorita tal-Qorti permezz ta' cedola ta' depozitu. Fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2013, il-partijiet ivverbalizzaw li l-attrici kienet zbankat dan l-ammont.[2]

4. Il-konvenut jallega li l-ammont l-iehor ta' sitt elef tliet mija erbgha u ghoxrin Euro (€6324.00) huwa wiehed eccessiv.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din is-sentenza hija wahda parzjali limitata ghall-kwistjoni sollevata *ex officio* minn din il-Qorti, jekk din il-Qorti hijiex kompetenti tiddeciedi t-talba tal-attrici ghas-somma ta' sitt elef tliet mija erbgha u ghoxrin Euro (€6324.00) in vista tal-Avviz Legali 397/2003.

Regolament 4 tal-Iskeda tal-Avviz Legali 397/2003 jghid li ghandhom jigu assenjati lill-Qorti Civili (sezzjoni tal-Familja), fost affarijiet ohra kwistjonijiet li jidhru taht Titolu I, II u IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili. Li jinteressa lil din il-Qorti ghal din il-vertenza hi Titolu I li jitkellem dwar drittijiet u obbligazzjonijiet naxxenti miz-zwieg, manteniment tal-axxendenti u dixxendenti u separazzjoni personali, cioe r-ragunijiet, modalita ta' separazzjoni u effetti fuq il-koppja, l-ulied u l-patrimonju inkluz is-successjoni.

Inoltre, ir-Regolament 9(1) tal-istess Avviz Legali jghid hekk:

*"Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti -*

*(a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew mizzewgin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u access ta' wliedhom; jew*

*(b) manteniment bejn il-konjugi; jew*

[2] Ara fol. 59 tal-process.

*(c) bidliet f'kull haga regolata minn sentenza ta' separazzjoni personali jew minn kuntratt ta' separazzjoni personali jew minn digriet jew sentenza ta' divorzju; jew*

*(d) tibdil fi ftehim dwar kull haga msemmija fil-paragrafu (a),*

*dik il-parti ghandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x'inhi t-talba taghha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fir-regolament 4(1) u li tkun iffirmata u tigi pprezentata skond ma hemm f'dik id-diposizzjoni."*

Il-konvenut qed jissottometti li t-talba tal-attrici hija wahda ghal analizi mill-gdid ta' mobbli u ghamara li skond l-attrici jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti kif naxxenti direttament miz-zwieg taghhom.

Min-naha l-ohra, l-attrici tissottometti li l-partijiet huma legalment separati legalment permezz ta' sentenza tal-Qorti li xoljiet ukoll il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet. F'din is-sentenza, l-ebda wahda mill-partijiet ma giet assenjata l-ghamara li kienet inxtrat in komun bejniethom. Skond l-attrici, bl-agir tieghu, il-konvenut svestiha mid-drittijiet taghha u r-rimedju taghha huwa li titlob li jaghtiha sehma mill-valur tal-ghamara fid-data tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u cioe fis-sena 2004.

Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, it-talba attrici mhix wahda ghal bidla fis-sentenza ta' separazzjoni – l-attrici qed titlob li tinghata fi flus in kumpens tal-mobbli tal-komunjoni tal-akkwisti li ilha xolta mill-2004. It-talba taghha ma tinkwadra b'ebda mod f'xi wahda mill-ipotesijiet kontemplati fir-Regolament 9(1) tal-Avviz Legali 397/2003. It-talba taghha lanqas tirrigwarda vertenza ta' separazzjoni *in corso*, f'liema kaz kienet taqa' fil-kompetenza tal-Qorti tal-Familja.[3] Ghaldaqstant, din il-vertenza ma taqax fil-kompetenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), li ghandha kompetenza specifika u limitata.[4]

---

[3] Ara **Agostino Farrugia vs Salvina Farrugia**, Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) deciza fid-9 ta' Frar 2005.
[4] Ara **Carmel sive Charles Farrugia vs Mariella Azzopardi**, Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fis-6 t'Ottubru 2011.

Ladarba il-valur tat-talba tal-attrici jaqa' fil-kompetenza ta' din il-Qorti, din il-Qorti hija kompetenti ratione materiae li tismaghha u tiddecidiha.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tiddikjara li hija kompetenti *ratione materiae* li tisma' u tiddeciedi dik it-talba tal-attrici ghas-somma ta' sitt elef tliet mija erbgha u ghoxrin Euro (€6324.00) li tikkoncerna l-allegat sehem tal-attrici mill-valur tal-ghamara u mobbli ohra li l-konvenut allegatament ha minghajr ma hallas ebda korrispettiv lill-attrici.

Konsegwentement, il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza skont il-ligi.

Fic-cirkostanzi, l-ispejjez ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

## < Sentenza In Parte >

-------------------------------TMIEM-------------------------------